**It-Taqsima Għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz**

L-għan tat-Taqsima Għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz hu li żżomm flus foloz milli jiċċirkolaw. Din it-taqsima teżamina u żżomm għandha flus foloz ta' kwalunkwe pajjiż maqbuda f'Malta jew ikkonfiskati mill-pulizija.

Jista' jsir kuntatt mat-Taqsima Għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz permezz tat-telefon 2550 6007, permezz tal-*email* fuq *csu@centralbankmalta.org* jew bil-posta f'dan l-indirizz:

Taqsima Għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz
Uffiċċju tal-*Issues*
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060

**Kif jintgħarfu l-karti tal-flus foloz?**

Karti tal-flus ġenwini ġeneralment jintgħarfu mill-karatteristiċi tas-sigurta' tagħhom li jidhru f'taqsima oħra ta' dan is-sit elettroniku. Hawn għandek xi ftit pariri:

1. Il-karta m'għandhiex tinħass lixxa jew tiżloq wisq. Għandha tinħass tqarqaċ u resistenti.
2. Il-*watermark* (ix-xbieha li tidher fil-karta) għandha tkun viżibbli meta l-karta titqieħed kontra d-dawl.
3. Il-fil tas-sigurtà għandu jidher bħala rig sħiħ li jaqsam il-karta minn fuq għal isfel mingħajr interuzzjonijiet meta l-karta titqiegħed kontra d-dawl.
4. Qabbel il-karta dubjuża ma' waħda li taf li hi ġenwina.
5. Jekk tibqa' dubjuż/a ħu l-karta biex tkun iċċekkjata mill-bank tiegħek jew il-Bank Ċentrali ta' Malta.

**X'nagħmel jekk għandi suspett ta' flus foloz?**

Bħala regola ġenerali avża lill-pulizija immedjatament jekk tingħata flus foloz. Li tagħmel użu minn flus foloz hu llegali daqs kemm li kieku tipproduċihom. Il-flus foloz ma jistgħux jinbidlu ma' flus ġenwini!

L-artiklu 49A(1) tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jobbliga lil kwalunkwe persuna li għandha fil-pussess tagħha karti tal-flus jew muniti li huma foloz jew li huma ssuspettati li huma foloz li tirtirahom miċ-ċirkolazzjoni u tgħaddihom minnufih lill-Bank.